MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Numru 304/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Maurizio Abela**

**Illum, 21 ta’ Mejju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Maurizio Abela ta’ 19 sena, bin Anthony u Maria Carmela nee’ Pulis imwieled Pieta’, fit-30 ta’ Jannar 1989 u joqghod Blokk B, Flat 7, Binja Kordin Pjazza Sant Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 64189(M).

Billi gie akkuzat talli f’ Jannar 2008, f’ dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ is-somma ta’ € 238.30 ghad-detriment ta’ Bay Street Hotel Complex, ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u nnutat li l-imputat Maurizio Abela m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li huwa qed jaccetta li s-somma ta’ Euro 238.30 titnaqqaslu mill-arretrati tal-paga tieghu mill-Bay Street Hotel Complex Ltd.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. William Cuschieri ghall-Parte Civile iddikjara li huwa qieghed jaccetta tali arrangement suggerit mill-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Maurizio Abela, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, l-eta tenera tal-imputat u l-fedina penali netta tal-imputat, tillibera lill-imputat Maurizio Abela taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Maurizio Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------